MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 586/2009

**Emanuel u Alfreda konjugi Ellul**
**(I.D. 770955M) u (I.D. 29056M)**

**vs**

**Carmel u Maria Victoria konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Lulju 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn u mitejn u tnax-il Euro u disghin centezmu (€2212.90) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn u mitejn u tnax-il Euro u disghin centezmu (€2212.90), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------